Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 7 ta' Ġunju 2021**
**(OR. en)**

**8977/21**

**DENLEG 38**
**FOOD 24**
**SAN 312**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 8236/21 + ADD 1 |
| Suġġett: | REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) …/… ta' XXX li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 dwar il-livelli massimi tal-kadmju f'ċerti oġġetti tal-ikel<br>- *Deċiżjoni li ma jkunx hemm oppożizzjoni għall-adozzjoni* |

1. Fit-22 ta' April 2021, il-Kummissjoni ppreżentat għal skrutinju mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill l-abbozz ta' Regolament imsemmi hawn fuq (ST 8236/21 + ADD 1) f'konformità mal-Artikolu 5a(3)(a) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE[1], kif modifikata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/512/KE[2], li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni.

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Oġġetti tal-Ikel (Attachés) qies, permezz ta' konsultazzjoni informali bil-miktub[3], li ma hemm l-ebda raġuni għalfejn il-Kunsill għandu jopponi l-adozzjoni tal-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni.

[1] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23
[2] ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11
[3] WK 5719/2021, WK 6756/2021

3. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:

– jikkonferma l-qbil milħuq mill-Grupp ta' Ħidma, u

– jirrakkomanda lill-Kunsill jikkonferma, bħala punt "A" fuq l-aġenda tiegħu, li ma hemm l-ebda raġuni għalfejn għandu jopponi l-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni msemmi hawn fuq.